MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2002

Citazzjoni Numru. 220/1998/1

Citazzjoni numru 220/1998

Auto Sales Limited

-vs-

Frank's Garage Limited

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni tas-socjeta' attrici fejn ippremettiet illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' hamest elef tmien mija u sitta u hamsin lira Maltin (LM5,856) rapprezentanti ammont dovut skond kambjalijiet skaduti hawn annessi (Dok 1 sa 16).

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u skadut u l-attur nomine qieghed jipprezenta ma’ din ic-citazzjoni affidavit guramentat skond artiklu 167(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta (Dok B).

Illi avolja interpellati biex ihallsu dan l-ammont is-socjeta’ konvenuta baqghet inadempjenti u ma halset xejn.

Talbet li din il-Qorti;

1. tiddeciedi l-kawza skond it-talba bid-dispensa tat-trattazzjoni.

2. Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hamest elef tmien mija u sitta u hamsin liri Maltin (Lm5856) dovut skond kambjalijiet skaduti kif fuq spjegat bl-imghax legali.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 8 ta’ Gunju 1998 u tal-mandat ta’ qbid pprezentat kontestwalment ma’ din ic-citazzjoni u bl-interessi legali mid-data ta’ l-iskadenza ta’ kull kambjala kontra s-socjeta’ konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni taghha debitament guramentata flimkien mal-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti.

Ezaminat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi jirizulta mid-diversi verbali fl-atti li s-socjeta konvenuta halset l-import tal-kambjalijiet mertu l-azzjoni tas-socjeta’ attrici fil-mori tal-kawza.

Fic-cirkostanzi ghalhekk ghandha ukoll is-socjeta’ konvenuta tigi kkundannata thallas l-ispejjez konnessi.

Ghaldaqstant waqt li tiddikjara l-mertu ezawrit, tiddisponi mill-kap ta’ l-ispejjez billi tiddeciedi li ghanhdom ikunu a karigu tas-socjeta’ konvenuta.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur

--------------------------------TMIEM--------------------------------